MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 858/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **OMISSIS** gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tlettax ta’ Awissu 2006, ghal habta tal-hamsa w nofs ta’ filghaxija, fi Triq l-Kbira San Gusepp, l-Hamrun:

1. B'ghemil zieni ttanta jikkorrompi lil persuna ta’ **OMISSIS** ta’ disgha snin;

2. talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi, eccita, ghen jew iffacilita attentat ta’ korruzzjoni ta’ persuna taht l-eta tas-sess oppost u cioe lil **OMISSIS**;

3. talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputat wahda datat tlettax ta' Awissu 2006 esibita fl-atti a fol 7 u l-ohra datata erbatax ta' Awissu 2006 esibita a fol 8 tal-atti, kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-esami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 391(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbtax ta' Awissu 2006 [fol 4].

Illi fis-seduta tat-tletin ta' Awissu 2006, l-imputat kien talab in-nomina ta' Probation Officer sabiex ihejji social inquiry report fuqu w il-Qorti kienet laqghet tali talba w innomina lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006, **xehdet s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta** [fol 62] w ippresentat u halfet r-rapport taghha li gie mmarkat bhala dokument SI [fol 64].

Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kien ghadu kemm spicca kors ta' *computer engineering* mal-MCAST u kien sab impjieg fiss mad-Dipartiment **OMISSIS**.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Novembru 2006 [fol 79]

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat, ghalkemm mhux mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri, ghaliex kienu gia xehdu diversi xhieda tal- prosekuzzjoni;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m’ghandu ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

4. Dak kollu li rrelatat s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta li l-imputat huwa bniedem responsabbli u ddispjacut ta’ dak li gralu;

5. Il-fatt li l-attentat ta’ korruzzjoni kien jikkonsisti filli l-imputat nizzel z-zip u qal lil din t-tifla ‘qattx rajt wiehed bhal dan’ meta l-istess tifla qalet li ma harsitx ‘l hemm u telqet tigri.

**Il-Qorti ghalhekk, rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41, 203, 203A u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>ssib</u> lil imputat OMISSIS <u>hati tal-akkuzi</u> kif dedotta fil-konfront tieghu w ammessi minnu u tiddecidi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, li tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin mill-lum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u huwa jkollu l-**

**ghajnuna necessarja sabiex jirrintegra ruhu fis-socjeta.**

**Il-Qorti tattira l-attezjoni tad-Direttur tal-Probation Services li f'dan il-kaz diga kien hemm s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta nvoluta u fil-fatt hejjiet rapport dwar l-istess imputat u stante li dan huwa kaz delikat taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex dan il-kaz jigi mghoddi lilha.**

**Din l-Ufficjal tal-Probation jekk nominata ghandha tinforma lil Qorti darba kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer u dan sabiex hu jirrintegra ruhu lura fis-socjeta.**

**Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma din s-sentenza dwar l-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din s-sentenza.**

**Tordna li l-isem u l-partikolaritajiet kemm tal-imputat kif wkoll tal-vittmi ma jigux imxandra fuq ebda mezz ta' xandir u dan fl-interess tal-gustizzja minhabba n-natura tal-kaz.**

**Finalment taghti r-rakkomondazzjoni taghha sabiex l-imputat ma jitlifx l-impjieg li hu ghandu mad-OMISSIS.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**OMISSIS**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum 27 ta’ Novembru 2006**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **OMISSIS gie mpoggi tahht ordni ta’ probation ghal tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ Supervizzjoni lil imputat probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **OMISSIS jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ tlett snin imputat probationer **OMISSIS** ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat probationer **OMISSIS** ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat probationer **OMISSIS** ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat probationer **OMISSIS** ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati OMISSIS, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

……………………………..
**OMISSIS**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------